Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 22/2017

**David Mifsud (appellat)**

**Vs**

**Cassar Fuel Service Station Limited (appellanti)**

30 ta' April, 2019.

1. B'sentenza tas-26 ta' April, 2017 it-Tribunal Industrijali iddikjara li r-rikorrent kien tkecca ingustament u llikwida s-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) bhala kumpens.

2. B'rikors prezentat fil-5 ta' Mejju, 2017 l-intimat appella mis-sentenza, bl-aggravji jkunu:
   i. Nullita' tad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali minhabba nuqqas ta' motivazzjoni.
   ii. Apprezzament hazin tal-ligi meta t-Tribunal warrab it-tezi tar-redundancy ghaliex, *"….. skont it-Tribunal kellha tkun sollevata in limine litis"*.
   iii. It-Tribunal Industrijali naqas milli jimmotiva l-likwidazzjoni ta' €10,000.

3. Permezz ta' twegiba prezentata fil-25 ta' Jannar, 2019 l-appellat ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

**Motivazzjoni.**

4. L-eccezzjoni tad-dezerzjoni *ai termini* tal-artikolu 963(1) tal-Kap. 12 hi minghajr bazi. Bhala fatti:
   i. L-appell kien prezentat fil-5 ta' Mejju, 2017;

ii. Fid-19 ta' Novembru, 2018 il-qorti tat provvediment li bih appuntat l-appell ghas-smiegh ghas-seduta tas-7 ta' Jannar, 2019 u qalet li *"..... jekk sa dakinhar l-appell ikun ghadu mhuwiex notifikat lill-appellat, il-qorti tiddikjara l-appell dezert stante li ghaddiet iktar minn sena mid-data tal-prezentata tar-rikors tal-appell u s'issa l-proceduri bil-miktub ghadhom ma nghalqux"*.

iii. Fis-seduta tas-7 ta' Jannar, 2019 inghatat kopja tar-rikors tal-appell lid-difensur li dehret ghall-appellat, u fil-fatt l-appell kien differit sabiex l-appellat iwiegeb u ssir trattazzjoni.

iv. L-appellat wiegeb fil-25 ta' Jannar, 2019.

5. Hu car li l-proceduri bil-miktub inghalqu wara sena minn meta l-appellanti pprezentat l-appell. Pero' waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar, 2019 ma nghatax l-eccezzjoni ta' dezerzjoni. Ghalhekk l-appell ma jistax jitqies dezert (ara artikolu 963(4) tal-Kap. 12).

6. L-appellanti ilmentat min-nuqqas ta' motivazzjoni tad-decizjoni u ma kienx bizzejjed li jinghad li l-agir tal-appellat ma kienx *"ta sufficjenza li tinkorri is-sanzjoni estrema ta' tkeccija"*.

7. Il-qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-appellant. Hu evidenti li t-Tribunal wasal ghal dik il-konkluzjoni wara li qies li fil-post tax-xoghol kien hemm prassi li, *"... dment li s-service station ikun kopert ma jkunx hemm il-bzonn li l-ufficcju ikun infurmat f'kaz ta' frank"*. Dan apparti li lanqas jaghmel sens ghall-qorti li principal ighid li kien gustifikat li jittermina l-impieg u mbaghad ftit wara jerga' joffri impieg iehor lill-istess impjegat. Jekk l-impjegat ghamel att daqstant gravi li kien jimmeritah li jitkecca, probabbilment il-principal ma kienx ser imur joffrilu impieg iehor. Għallinqas l-appellanti ma ressqitx argumenti li jistgħu jikkonvinċu lill-qorti li kienet ser toffri impieg ieħor lill-appellat meta għamlet ħilitha biex tpinġieh bħala persuna irresponsabbli fil-qadi ta' dmirijietu.

8. Hu veru li Mark Cassar, direttur tal-kumpannija, insista li ma kienx offra xoghol iehor lill-appellat. Pero' l-provi juru bla dubju li l-appellanti kienet offriet xoghol iehor tant li l-appellant inghata wkoll abbozz ta' kuntratt ta' impieg (fol. 13). Fil-fatt fis-7 ta' Awissu, 2015 intbaghtet email lill-appellant minghand Mirelle Farrugia (impjegata tal-appellanti) li taqra: *"**Following your conversation with Mr Mark Cassar** attached please find **your contract for the new position** should you agree with the said conditions kindly sign and send back to us"* (fol. 12). Ghal-qorti m'hemmx dubju li Mark Cassar ma qalx is-sewwa meta ghal iktar minn darba wahda cahad li offra impieg iehor lill-appellat.

9. Fid-dikjarazzjoni tal-fatti li ipprezentat fit-Tribunal Industrijali, l-appellanti argumentat li ma kellhiex alternattiva ohra ghajr li tittermina l-impieg tal-appellat minhabba:

> *"..... nuqqas ta' impenn, nuqqas tal-qadi tal-funzjonijiet u dmirijiet tieghu huma aktar min gustifikati stante illi dawn in-nuqqasijiet baqghu jippersistu nonostante li nghata diversi twissijiet formali u verbali minn George Wezham Gharzeddin u Mark Cassar personalment u dan bosta drabi.*
>
> *Huwa baqa' jinjora dawn l-avvizi u baqa' indifferenti tant li l-operat tal-Petrol Station beda jiddeterjora u jmur lura b'telf finanzjarju sotanzjali. B'rizultat ta' dan id-Direttur infurmah li fid-dawl li naqas il-bejgh, huwa kien ser ikun kostrett li jdahhal bniedem wiehed biss flok tnejn. Is-sur Cassar offra l-posizzjoni lis-Sur David Mifsud izda min-naha tieghu David Mifsud ma accettax. Ghaldaqstant huwa ghazel li jitlaqa' u kecca lilu nnifsu konsegwenetment il-kumpannija zammet lill-persuna l-ohra biex tiehu hsieb.*
>
> *Illi d-direttur tas-socjeta intimata ma kellu ebda decizjoni hlief li jiehu dawk il-mizuri sabiex jassikura li s-socjeta ma tkompli ssofri hsara bl-agir tar-rikorrenti.*
>
> *Illi r-rikorrent ma kienx jaghmel ebda sforz biex jirreklama jew ibiegh il-prodotti tal-petrol station izda diversi drabi u okkazzjonijiet sahansitra kien ihajjar lill-klijenti biex jinqdew f'pompi jew petrol stations ohra.*
>
> *Ghaldaqstant ghat-tkeccija tieghu l-istess impjegat huwa responsabbli u ghandu jerfa' r-responsabbilta tal-agir li kkawza danni lis-socjeta intimata.*
>
> *Is-socjeta ma kellha ebda alternattiva ohra hlief li tittermina l-impieg"*.

10. Il-qorti tosserva li fid-dikjarazzjoni tal-kaz tal-appellanti (fol. 16) saru *contradictory statements* ghaliex l-ewwel qalet li t-terminazzjoni tal-impieg *"fuq nuqqas ta' impenn, nuqqas tal-qadi tal-funzjonijiet u dmirijiet tieghu huma aktar minn gustifikati stante illi dawn in-nuqqasijiet baqghu jippersistu"*, u mbagħad

iktar 'il quddiem qalet li l-appellat kien *"ghazel li jitlaqa' u kecca lilu nnifsu konsegwentement il-kumpannija zammet lill-persuna l-ohra biex tiehu hsieb"*. Ma jistax ikollok fl-istess hin tkeccija minn impieg mill-principal u abbandun ta' impieg mill-impjegat. Fil-fatt fl-avviz li l-appellant tat lil ETC qalet li l-impieg kien terminat fis-7 ta' Lulju, 2015 u r-raguni kienet minhabba:

> *"He did not show up and the company considered that action as a termination from his end"*.

11. Fid-dikjarazzjoni tal-fatti l-appellanti ma nvokatx it-terminazzjoni tal-impieg minhabba *redundancy*. Ir-raguni stess li l-appellanti tat ghat-terminazzjoni tal-impieg ma kinitx *redundancy*. Principal ma jistax jiddefendi ruhu billi filli jghid li l-impjegat irrizenja mill-impieg, u mbaghad waqt it-trattazzjoni jsemmi *redundancy* (ara t-traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret quddiem it-Tribunal Industrijali). Linji ta' difiza li m'humiex kompatibbli ma' xulxin. Dan apparti li meta fis-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2015 xehed Mark Cassar irrizulta bl-iktar mod car li t-terminazzjoni tal-impieg ma kinitx minhabba *redundancy*. Ix-xhud semma li l-appellat ma kienx qieghed jaghmel xogholu.

12. F'kull kaz difiza ta' *redundancy* hi ghal kollox inkompatibbli ma' difiza li l-appellat tkecca mill-impieg minhabba nuqqasijiet tieghu. Dan apparti li t-Tribunal Industrijali ikkonkluda li t-tkeccija grat, *".... wara li r-Rikorrent kien siefer ghal xi granet u ma kienx gharraf lill-principal tieghu b'dan il-frank li kien ha minghajr ebda permess. Jidher illi kien hemm il-prattika li dment li s-service station ikun kopert ma jkunx hemm il-bzonn li l-ufficcju ikun infurmat f'kaz ta' frank u r-Rikorrenti jirritjeni li siehbu kien dahal biex jara li l-hin kollu tan-nuqqas ta' prezenza tieghu ikun kopert minnu"*.

13. L-ahhar aggravju jitratta dwar is-somma ta' €10,000 li t-Tribunal ikkundanna lill-appellanti sabiex thallas lill-appellat bhala kumpens. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

> *"Wara li ra l-Artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 451 ikkunsidra l-fatti kollha, ra l-eta' tar-Rikorrent, is-salarju li kellu u z-zmien li dam jahdem mas-Socjeta Intimata jillikwida l-kumpens dovut lir-Rikorrent David Mifsud mis-Socjeta intimata Cassar Fuel Service Station Ltd fl-ammont ta' €10,000 li trid tithallas hekk ......."*.

14. Kuntrarjament ghal dak li ssostni l-appellanti, hu evidenti li t-Tribunal ikkunsidra l-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 451, u qies li meta l-appellat tkecca mill-impieg kellu disgħa u erbghin (49) sena b'salarju ta' tlett mija u tmienja u sebghin ewro (€378) fil-gimgha (€19,656 fis-sena). Il-qorti ma tara xejn stramb li persuna ta' 49 sena li m'hijiex *skilled worker*, li tkecciet mill-impieg ingustament fl-2015, b'salarju ta' €19,656 fis-sena u li jidher li sakemm il-kawza kienet ghadha tinstema' mit-Tribunal kienet ghadha ma kellhiex impieg alternattiv, ingħatat kumpens ta' ghaxart elef ewro (€10,000).

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.